MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Appell Civili Numru. 40/1982/1

**Joseph Attard**

**v.**

**Mikiel Refalo u b'digriet tal-21 ta' Mejju 2007, stante l-mewt ta' Mikiel Refalo l-atti gew trasfuzi f'isem ir-Rev Arcipriet Dun Carmelo, Sacerdot Dun Anton, Silvio, Francis, Victoria mart Coronato Said, Giuseppi, Doris mart Saviour Buttigieg u Jane mart Francis Mercieca, ilkoll ahwa Refalo**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. Dan hu appell interpost mill-attur minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri,

Gurisdizzjoni Generali fit-23 ta’ Novembru 2004, b’liema sentenza dik il-Qorti kienet cahdet it-talbiet attrici u ddikjarat illi l-konvenut ma kellux htija ghal dak li seta' gara fl-ispiera komuni ghall-fondi okkupati mill-partijiet kontendenti, u laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenut bl-ispejjez.  Din is-sentenza sejra tigi hawn riprodotta ghal ahjar intendiment ta’ l-appell odjern:-

"Il-Qorti ,

"Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta :

"Illi l-attur huwa l-proprjetarju tal-fond numru tlieta u ghoxrin (23) ta' January Street, Xagħra, Għawdex, li fil-parti retroposta tiegħu għandu spiera li qegħda għas-servizz ta' l-istess fond u għas-servizz tal-fond okkupat mill-konvenut.

"Illi l-konvenut qiegħed jokkupa b'titolu ta' kiri l-fond numru tnejn u għoxrin (22) ta' triq Jannar Xagħra, u dan l-aħħar l-attur skopra li l-konvenut ilu minn żmien twil jitfa', ilma maħmuġ, ilma tad-drenaġġ u mniġġes f'din l-ispiera li huwa ta' ħsara kbira għas-saħħa tal-bniedem u rrenda din l-ispiera mhix tajba aktar biex tintuża' għall-iskop li kienet saret, cioe' biex isservi għala riserva tal-ilma .

"Illi dan l-aġir tal-konvenut huwa abbusiv u lesiv għad-drittijiet ta' l-attur u kull min għandu dritt jisserva mill-istess spiera, kif ukoll ta' dannu materjali .

"Illi ghal kemm li (sic)  ġie interpellat sabiex jiddesisti kif ukoll inaddaf l-ispiera mill-ħmieġ li sar fiha, l-konvenut baqa' ma ottemperax ruħu .

"Talab lill-konvenut jgħid għaliex m’għandhiex din il-Qorti :

"1. Tikkundanna lill-konvenut jiddesisti milli jkompli jitfa' fl-ispiera imsemmija ilma maħmug, ilma tad-drenaġġ u mniġġes ;

"2 Tiddikjara lill-konvenut responsabbli għall-ħsarat li ġraw fl-istess spiera kif ukoll ħsarat oħrajn li jistgħu jirriżultaw imħabba l-aġir illegali w abbusiv tiegħu ;

"3. Tikkundanna l-konvenut, jnaddaf u jagħmel dawk ix-xogħlijiet kollha necessarja sabiex l-ispiera msemmija titnaddaf u terġa' titpoġġa fl-istat oriġinali tagħha, b'tali mod li tkun tista' tintuża biex jittella' minnha ilma tajjeb; okkorrendo b'opera ta' periti nominandi ;

"5. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur bħala ħsarat li jirriżultaw mit-tfigħ ta' l-ilma maħmuġ, ilma tad-drenaġġ u mniġġes ;

"6 Tikkundanna l-konvenut iħallas lill-attur dik is-somma ta' flus hekk likwidata in linea ta' danni skond it-talba preċedenti .

"Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-tlieta (3) ta' Settembru elf disa' mija u wiehed u tmenin (1981), kollha kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ingunt għas-subizzjoni .

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur debitament maħlufa minnu .

"Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa :

"1. Illi d-domandi attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatti għaliex l-ispiera de quo qatt ma serviet bħala riserva tal-ilma u lanqas setgħet isservi għal dan l-iskop minħabba n-natura u l-pożizzjoni tagħha ;

"2. Illi lanqas hu veru illi l-eċċipjenti qatt tefa' xi ilma maħmuġ, ilma tad-drenaġġ u mniġġes f'din l-ispiera u għalhekk hu ma ghamel ebda danni f'din l-ispiera .

"Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt .

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut maħlufa minnu .

"Rat is-sentenza preliminari tagħha tad-29 ta' Ottubru 1982, fejn il-kontro-talba tal-konvenut ġiet dikjarata nulla .

"Rat id-digriet tagħha ta' l-10 ta' Marzu 1983, fejn innominat lill-A.I.C. Michelangelo Refalo bħala perit tekniku f'din il-kawża .

"Rat id-digriet tagħha ta' l-14 ta' Novembru 1986, fejn fuq talba ta' l-istess perit, dan ġie sostitwit bl-A.I.C. Emmanuel Vella fl-istess inkarigu.

"Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Novembru 1994, fejn fuq talba ta' l-A.I.C. Emmanuel Vella, dan ġie sostitwit bl-A.I.C. Anna Maria Dimech (illum Attard Montalto) fl-istess inkarigu.

"Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku l-A.I.C. Anna Maria Attard Montalto ppreżentata fit-12 ta' Ġunju 2003, u maħlufa minnha fit-30 ta' Ġunju, 2003.

"Rat il-verbal tagħha tat-18 ta' Mejju 2004, fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

"Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

"Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

"Ikkunsidrat:

"Illi din il-kawża tirrigwarda spiera illi kien hemm taħt il-ħajt diviżorju fil-ġjardini rispettivi tal-fond ta' l-attur u fond ieħor dakinhar okkupat mill-konvenut b'titolu ta' kera. L-attur qed jallega illi l-konvenut kien jitfa' ħmieġ, ilma mniġġes u drenaġġ f'din l-ispiera, tant illi hu ma setax jagħmel użu iktar minnha, kellu jagħlaqha minħabba n-nemus u rwejjaħ li kienu qed jitilgħu minnha u spiċċa biex kellu jħaffer bir ġdid in sostituzzjoni għal din l-ispiera, billi ma baqgħetx utilizżabbli. Għalhekk talab li l-konvenut jiġi kkundannat inaddaf l-istess spera u jagħmel tajjeb għad-danni kkaġunati.

"Il-konvenut għalkemm jiċħad illi qatt għamel xi danni f'din l-ispiera, jammetti fid-depożizzjoni tiegħu illi peress illi huwa ma kellux faċilitajiet sanitarji kkomunikati ma' sistema ta' drenaġġ fid-dar abitata minnu u l-familja tiegħu, kien jitfa' l-ilma tas-sink tal-kċina ġo din l-ispiera u l-iskart uman fil-mandra ta' wara l-post. Irriżulta pero` wkoll illi, għalkemm id-dar illum ta' l-attur kellha faċilitajiet sanitarji, sakemm ġiet mgħoddija s-sistema pubblika tad-drenaġġ fit-triq u setgħet ssir komunikazzjoni diretta magħha, l-iskart uman f'dik id-dar kien qed jiġi dirett għal ġo fossa li kienet ġiet imħaffra quddiem id-dar . Din il-fossa qatt ma tbattlet u mhux magħruf x'kien jiġri minn dan l-iskart x'ħin il-fossa kienet timtela'. Ġara wkoll illi għal xi żmien din l-istess dar kienet mikrija lil ċertu Peter Paul Portelli li kien irabbi l-annimali ġol-mandra ta' wara l-post u allura mhux eskluż li l-ħmieġ ta' dawn l-annimali kien jispiċċa wkoll ġewwa din l-ispiera.

"Oriġinarjamnet dawn iż-żewġ fondi kienu post wieħed . Meta l-konvenut ġie biex jikri l-parti li huwa baqa' jokkupa bħala r-residenza tiegħu għal madwar ħamsin sena, is-sid, li nzerta z-ziju ta' l-attur, kien infurmah illi ma kienx hemm faċilitajiet sanitarji ġol-fond, imma xorta waħda aċċetta li jikrilu. Qatt ma kien dispost li jinstalla dawn il-faċilitajiet sanitarji, għax ma riedx jagħmel spejjeż, u allura l-konvenut kellu jiddobba kif seta'. Meta mbagħad il-post adjaċenti ġie f'idejn l-attur preżenti u beda jokkupah hu, saru rapporti lill-awtoritajiet sanitarji . Bħala soluzzjoni mmedjata saret komunikazzjoni mal-fossa ta' l-attur, sakemm imbagħad eventwalment, meta ġiet introdotta s-sistema tad-drenaġġ pubbliku fl-inħawi, setgħet issir komunikazzjoni diretta ma' din is-sistema, anke tal-fond mikri lill-konvenut .

"Kif irriżulta mil-ispezzjoni magħmula mill-perit tekniku, din l-ispiera llum hija għal kollox niexfa mill-ilma. Wara li tniżżlet fiha persuna inkarigata minnha sabiex tiġbor xi materjal ħalli jsiru t-testijiet opportuni fuqu, peress illi sadanittant kienu laħqu għaddew ħafna snin minn meta ġiet intavolata din il-kawża (kważi għoxrin sena), ma setax jiġi konstatat fiċ-ċert mill-ħama li ttellgħet, jekk din l-ispiera kienitx xi darba ġiet kontaminata mill-iskart uman, ta' l-

annimali jew ħmieġ ieħor, billi dan kollu huwa materjal organiku li jispicca maz-zmien. Lanqas setgħet il-perit tekniku tikkonstata għaliex ma kienx għadu jgħaddi ilma minn din l-ispiera. Infatti fil-konklużjonijiet tagħha tissuġġerixxi illi din l-ispiera għandha titnaddaf biex forsi jirriżulta jekk l-ispiera nstadditx jew inkella nixifx is-sors ta' l-ilma li seta' anke ġie devjat biex imur band'oħra . L-ispejjeż biex isir dan ix-xogħol il-perit tekniku tallokahom kwantu għal tliet kwarti fuq il-konvenut u kwart fuq l-attur .

"Imma jista' ġustament il-konvenut jitgħabba b'xi parti minn dawn l-ispejjeż? Kif tajjeb jirrileva l-konvenut fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu jinkombi lis-sid, a tenur tal-liġijiet tal-Pulizija, sabiex jipprovdi faċilitajiet sanitarji adegwati f'post li jkun qed jintuża' għall-abitazzjoni umana (art. 97, 106 u 109 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija) . Dawn il-faċilitajiet pero` baqgħu għal żmien twil ma ġewx ipprovduti lill-konvenut u għalhekk dan, mingħajr il-kooperazzjoni tas-sid, ma seta' jagħmel xejn biex jevita li l-ispiera tiġi kontaminata, ġialadarba ma kellu l-ebda alternattiva ħlief li jiddisponi mil-iskart uman fil-mandra ta' wara l-post mikri lilu . Kien inevitabbli għalhekk illi parti minn dan l-iskart jispiċċa fl-ispiera in kwistjoni, sakemm is-sitwazzjoni ġiet finalment rimedjata bl-intervent ta' l-awtoritajiet sanitarji fuq rapport ta' l-attur. Il-ħsara f'din l-ispiera, safejn setgħet ġiet ikkawżata mill-ħmieġ provenjenti mill-fond okkupat mill-familja tal-konvenut, kellu għalhekk iwieġeb għaliha sid il-fond li accetta li jikri l-fond lill-konvenut, minkejja li dan ma kienx ipprovdut bil-faċilitajiet sanitajri meħtieġa u lanqas qatt ried jipprovdihom matul il-kirja, u mhux il-konvenut.

"Għal dawn il-motivi u peress li ma tista' tinstab ebda ħtija fil-konfront tal-konvenut għal dak li seta' ġara fl-ispiera in kwistjoni, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż, apparti dawk ġia` deċiżi bis-sentenza preliminari tagħha tad-29 ta' Ottubru 1982, kontra l-istess attur."

## IR-RIKORS TA’ L-APPELL TA’ L-ATTUR JOSEPH ATTARD

2. L-attur hassu aggravat bid-decizjoni tal-Qorti u interpona appell minnha fuq l-aggravju li l-Qorti ma applikatx korrettement il-ligi dwar id-delitti u l-kwazi delitti.

Jissottometti li filwaqt li hawn si tratta ta’ kawza civili li hija separata mill-proceduri kriminali d-decizjoni tal-Qorti ta’ Prim Istanza kienet ibbazata fuq il-Ligijiet tal-Pulizija, li jimponu obbligu fuq is-sid ta’ fond li jintuza' ghall-abitazzjoni jipprovdi facilitajiet sanitarji adegwati. Skond l-appellant, id-decizjoni tal-Qorti ma taghmilx sens ghaliex huwa principju fondamentali li kull persuna ghandha twiegeb ghal hsara li tigri bi htija taghha - peress li mhux kontestat li meta l-konvenut kera l-fond, dan kien jaf li ma kienx hemm facilitajiet sanitarji, issa wara li ghex fih u kkaguna hsara lil terzi, ma jistax jippretendi illi huwa mhux responsabbli ghall-hsarat ghaliex sid il-fond ma pprovdiex il-facilitajiet sanitarji necessarji. Ma rrizulta minn imkien li kienet saret xi pressjoni minn sid il-post sabiex il-konvenut jikri l-fond *de quo,* anzi sid iz-zewg fondi, Dun Espedito Tabone, xehed li meta omm il-konvenut kienet talbitu jikri l-fond lill-konvenut hu kien fethilha ghajnejha li ma kienx hemm facilitajiet sanitarji adegwati u li l-post ma kienx adegwat sabiex wiehed jghix go fih. Dan apparti, jekk sid il-post jista' b’xi mod ikun responsabbli, din hija kwistjoni bejnu u bejn il-konvenut - l-attur ghandu relazzjoni diretta mal-konvenut ghaliex huwa dan ta’ l-ahhar li kkagunalu d-danni. Fi kwalunkwe kaz id-dritt tal-konvenut li jdur fuq is-sid dejjem jibqa' impregudikat.

Jissottometti li mhux kontestat illi l-konvenut ikkaguna hsara fl-ispiera. Huwa stess xehed li peress li l-fond ma kellux facilitajiet sanitarji, kien jitfa' l-ilma tas-sink go l-ispiera u li materjal u hmieg provenjenti mill-fond okkupat minnu u mill-familja tieghu kien jispicca fl-ispiera. Il-konvenut kien jaf li dan kien se jwassal biex jikkontamina l-ilma tal-ispiera u b’hekk zgur ma wzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja u huwa responsabbli ai termini ta' l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili. Spiera hija intiza sabiex minnha jittella' ilma tajjeb ghax-xorb u l-konvenut kien obbligat li jara illi ma ssirx, u wisq aktar li huwa ma jikkagunax, hsara fl-ispiera.

Dwar id-danni sofferti minnu jghid li dawn gew ikkwantifikati in parti mill-perit tekniku, li kkalkolat illi sabiex titnaddaf l-ispiera l-ispiza titla' xi Lm500 u fir-rigward ta' l-ispejjez li nefaq l-attur biex thaffer bir gdid dawn jistghu jigu likwidati *arbitrio boni viri* mill-Qorti.

Ghalhekk talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza tat-23 ta' Novembru 2004, u tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

**IR-RISPOSTA TAL-KONVENUT MICHAEL REFALO**

3. Il-konvenut huwa tal-fehma li s-sentenza appellata hija gusta u ghalhekk ghandha tigi konfermata bl-ispejjez kontra l-attur, salv dawk decizi bis-sentenza preliminari tad-29 ta' Ottubru, 1982.

Jissottometti li mill-provi rrizultaw is-segwenti fatti –

i) illi originarjament il-fondi numri 21 sa 23 kienu proprjeta` wahda tal-familja Tabone. F'xi mument saret divizjoni bejn l-ahwa Tabone u filwaqt li lil omm l-attur messha il-fond numru 23, lil Dun Espedito Tabone messewh il-fondi 21 u 22. Illi Dun Tabone kera l-fond numru 22 lill-esponenti Michael Refalo. Aktar tard omm l-attur kriet il-fond numru 23 lill-attur.

ii) Sakemm l-attur dahal fil-fond numru 23, ossija ghal ghexieren ta' snin, hadd ma kien juza' l-ilma ta' l-ispiera *de quo* ghal xi skop.

iii) F'dan iz-zmien kollu l-ebda wiehed minn dawn il-fondi ma kien imqabbad mas-sistema ta' drenagg pubbliku u lanqas kien hemm fossa ta' drenagg. B'hekk kull tip ta' imbarazz li kien hemm fl-imnadar retrostanti il-fondi kien jispicca fl-ispiera ghaliex dawn l-imnadar kienu f'livell aktar gholi mill-btiehi ta' wara l-postijiet, u konsegwentement l-ilma tax-xita u l-materjal kollu li kien isib, bilfors kien jaqa' fil-punt l-aktar baxx, cioe` l-ispiera.

iv) Meta l-attur ha l-pussess tal-fond numru 23 beda jirranga l-ispiera u sab li ma kienx fiha ilma.

Jissottometti li l-esperti nominati mill-Qorti ma rnexxielhomx isibu r-raguni ghaliex l-ispiera ma fihiex ilma, u rrakomandaw operazzjoni shiha bla ebda certezza dwar ir-rizultat finali. Huma kienu infatti pprospettaw diversi possibilitajiet fosthom li jista' jkun illi l-pori tal-vini tal-blat isaddu; u li l-ispiera nixfet minhabba ragunijiet naturali jew ghaliex fil-vicinanzi thaffru xi *boreholes* u l-*underground water table* nizlet fil-livell taghha u ghalhekk ma ghadhiex tilhaq l-ispiera. Huwa ghalhekk f'dan il-kwadru ta' fatti li l-Qorti ghandha tiddeciedi jekk il-konvenut huwiex responsabbli ghan-nixfa f'din l-ispiera.

Jissottometti li ma hemm xejn fl-atti tal-process li ghandu jgieghel lil din il-Qorti tvarja l-apprezzament tal-fatti u l-applikazzjoni tal-principji legali ghal istess fatti li wettqet l-ewwel Qorti. L-allegazzjoni ta' l-attur li l-konvenut ma uzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja hija infondata ghaliex –

i) ma ingiebet ebda prova li fil-mument li l-appellat beda jabita fil-fond mikri lilu, l-ispiera kienet ghadha isservi bhala fonti ta' ilma tajjeb. Il-kuntrarju gie ppruvat;

ii) lanqas ingiebet xi prova li l-konvenut kien b'xi mod bidel il-modalitjiet tal-uzu tal-mandra retrostanti l-fond mikri lilu, kif lanqas bidel is-sistema tar-rimi ta' l-iskart uman minn dak il-fond.

Fid-dawl tac-cirkostanzi li fihom il-konvenut beda jokkupa l-fond *de quo* ma kien hemm l-ebda ligi li kienet igieghlu jagixxi diversament minn kif agixxa u kif anke agixxew l-okkupanti precedenti u dawk konkorrenti tal-fond attigwu.

Izid li l-azzjoni odjerna mhix azzjoni *ex contractu* izda hija bazata fuq il-culpa akwiljana u ghalhekk hu ma kienx obbligat li jara min jista' jkun responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur u jikkjamahhom fil-kawza. Dak messu ghamlu l-attur qabel ma intenta l-kawza odjerna.

## <u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>

4.1 L-appellant jillanja li l-Qorti ta' Prim Istanza ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi applikabbli fil-materja in ezami.

Skond l-appellant il-ligi applikabbli ghall-kaz odjern hija dik li titratta d-delitti jew il-kwazi-delitti stante li huwa principju fundamentali li kull persuna ghandha twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha. Isostni li l-Qorti ta’ Prim Istanza, bhala Qorti ta’ gurisdizzjoni civili, ma setghetx issib li l-konvenut ma kienx responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-appellant bl-applikazzjoni ta’ dak provdut fil-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizja, li fost affarijiet ohra jobbliga lil sid ta’ fond intiz ghall-abitazzjoni, li jipprovdi facilitajiet sanitarji adegwati fl-istess fond.
Fil-fehma ta’ l-appellant mill-provi rrizulta li l-konvenut, l-inkwilin tal-fond numru 22 fi Triq Jannar, Xaghra, Ghawdex ikkawza hsara fl-ispiera *de quo* ghaliex l-fond li fih kien jirrisjedi l-konvenut ma kellux facilitajiet sanitarji ghal bosta snin u dan kien jitfa’ l-ilma tas-sink u materjal iehor fl-ispiera u anke l-hmieg provenjenti mill-mandra li kienet tinsab wara dan il-fond kien jispicca hemmhekk. B'hekk l-ispiera ma setghetx tibqa' tintuza biex jittella' ilma pur u tajjeb ghax-xorb. Jissottometti li l-Qorti ta’ Prim Istanza ma kenitx korretta meta qalet li l-konvenut “ma seta' jaghmel xejn biex jevita li l-ispiera tigi kontaminata, gja` la darba ma kellu ebda alternattiva hlief li jiddisponi mill-iskart uman fil-mandra ta’ wara l-post mikri lilu” - il-konvenut kien fi dmir li juza' il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja u kellu jara li ma ssirx u wisq aktar li ma jikkagunax hsara fl-ispiera. Bl-azzjonijiet tieghu kien jaf li kien se jikkontamina l-ilma ta’ l-ispiera u ghalhekk ghandu jinzamm responsabbli skond kif provdut mill-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili.

4.2 L-appellat Michael Refalo jishaq li t-tezi ta’ l-appellant “taghmel minn kollox sabiex tevita u tiskarta kull konsiderazzjoni ohra ghajr dawk illi l-istess attur jara bhala favorevoli ghat-tezi tieghu.” Isostni li ma ngiebet ebda prova li “almenu fil-mument illi l-esponent dahal jabita fil-fond mikri lilu, l-ispiera *de quo* kienet ghadha sservi bhala fonti ta’ ilma tajjeb. Il-kuntrarju gie ppruvat”.

Jelabora li ghal bosta snin u sakemm dahal l-attur fil-fond bin-numru 23, hadd ma kien juza' l-ilma ta’ l-ispiera ghal xi skop. Inoltre rrizulta li matul dan iz-zmien kollu la l-fond 21 u lanqas it-22 ma kienu mqabbdin mas-sistema tad-

drenagg pubbliku u li l-ebda wiehed minnhom ma kellu fossa tad-drenagg. Kull tip ta' imbarrazz li kien jinsab fl-imnadar retrostanti l-fondi, li kienu f'livell ghola mill-btiehi, kien jispicca fl-ispiera meta kienet tkun ix-xita ghaliex l-ilma tax-xita ma kellux fejn imur. Jinsisti li hu ma bidilx il-modalitajiet ta' l-uzu tal-mandra jew is-sistema tar-rimi ta' skart uman fil-fond u ghalhekk l-allegazzjoni attrici li l-appellat ma uzax il-prudenza u d-diligenza ta' missier tajjeb tal-familja hija infondata. Fid-dawl ta' dawn ic-cikostanzi li tahthom huwa dahal jokkupa l-fond mikri lilu "ma kienet tezisti ebda disposizzjoni tal-ligi illi lilu kienet iggieghlu jagixxi diversament minn kif agixxa, u minn kif agixxew l-okkupanti precedenti tal-fond mikri lilu, u l-okkupanti precedenti u konkorrenti tal-fond attigwu."

5.1 Din il-Qorti hija tal-fehma li l-attur, appellant odjern, ghandu ragun meta jillanja li l-ligi applikabbli ghall-kaz in ezami hija dik tad-delitti u l-kwazi deliti. L-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet li skond il-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija sid ta' fond li sejjer jintuza minnu jew minn terzi ghall-abitazzjoni huwa obbligat li jipprovdi facilitajiet sanitarji adegwati, izda dan ma jfissirx li l-konvenut odjern ma jistax jinstab responsabbli ghad-danni minn qorti ta' gurisdizzjoni civili jekk jirrizulta li hu kien ikkawza hsarat fl-ispiera li hemm in komuni bejn il-fondi okkupati minnu u mill-attur. Id-disposizzjonijiet kontenuti fil-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija huma ta' natura penali, intizi ghal buon ordni u n-nuqqas ta' tharis taghhom jikkostitwixxi kontravenzjoni (Artikolu 318) li hija punibbli mill-Qorti ta' Gurisdizzjoni Kriminali. Il-proceduri odjerni mhumiex qed isiru quddiem Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali, minhabba li fil-fond okkupat mill-konvenut ma kienx hemm facilitajiet sanitarji rikjesti mil-ligi – fejn kien ikun responsabbli s-sid tal-fond li naqas li josserva r-regoli sanitarji – izda huma proceduri civili fejn l-attur talab dikjarazzjoni ta' responsabbilita` kontra l-konvenut ghall-hsarat allegatament sofferti minnu b'rizultat ta' l-agir tal-konvenut, u l-likwidazzjoni tad-danni subiti. Huwa risaput li l-proceduri civili jitmexxew distintament minn dawk kriminali[1] tant li fl-Artikolu 26 tal-Koduci Kriminali jinghad li l-kundanna ghall-pieni stabbiliti

[1] Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali

mil-ligi titqies dejjem li giet moghtija bla hsara ghall-azzjoni civili. Dan ifisser, li jekk minn fatt ikun hemm dannu patrimonjali, dejjem tista' tigi intentata l-azzjoni civili *di fronte* ghal min hu meqjus civilment responsabbli. Mhux korretta s-sottomissjoni tal-konvenut - li kien konsapevoli mill-bidunett li l-fond minnu mikri ma kienx fih facilitajiet sanitarji u mhux biss jikrih izda sahansitra ghex fih ghal bosta snin – li stante li sid il-fond naqas li jottempera ruhu mad-dmir impost fuqu mil-legislatur huwa bhala inkwilin m’ghandux iwiegeb ghall-hsara li setghet talvolta avverat ruhha fl-ispiera per konsegwenza tal-fatt illi l-fond li kien mikri lilu ma kienx mghammar bil-minimu rikjest mil-ligi, ghaliex kif jipprovdi l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili kull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha.

5.2 Din in-norma tikkostitwixxi l-punt kardinali tar-responsabilita` extra-kontrattwali u tenuncja r-regola li l-awtur tal-lezjoni ghandu jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi negattivi patrimonjali subiti mit-terzi. Din ir-responsabbilita` ghandha bhala fonti taghha l-imgieba imputabbli, li tista` tkun doluza jew kolpuza, imgieba li ghandu jkollha necessarjament ness ta’ kawzalita` ma’ l-event dannuz. Din l-imgieba imputabbli hija dik imsemmija fl-Artikolu 1032 li jipprovdi li –

“Jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza u l-hsieb ta’ missier tajjeb ta’ familja.”

Din il-Qorti, kif diversament komposta, kienet irriaffermat illi “d-diligenza li hija necessarja fil-materja tad-danni li kienu gejjin mid-delitti u l-kwazi-delitti hija dik tal-persuna medja, cioe` d-diligenza ordinarja ‘*la media del dovere non e’ la previdenza della quale e` capace un dato individuo, ma e` quella comune di un uomo prudente* (Cogliolo – Colpa Aquiliana, Scritti Vari Vol. I pg. 222)[2]”

[2] **G. Spiteri v. A. Camilleri** – deciza fid-9 ta’ April 1937 - Vol XXIX. I.937

Kif intqal fil-kawza fl-ismijiet **Bonnici v. Mizzi** deciza mill-Prim Awla fit-28 ta’ Marzu 2003, b’approvazzjoni ghal dak li ntqal f’gudikat anterjuri –

*“Si ha colpa ed il quasi delitto quando vi ha la violazione di un dovere od una volontaria omissione di diligenza, per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione o omissione, o si viola il diritto altrui senza volerlo, ed anche senza avvidersene* (Vol XXIV.I.172)”

Intqal ukoll fil-kawza fil-kawza fl-ismijiet **Borg v. Falzon**[3] li –

*“Non puo` un vicino esimersi dallo obbligo di rimuovere la causa dei danni che soffrisse l’altro vicino nel proprio fondo quantunque in tale causa concorresse il fatto di altri; contro questi competerebbe tutto al piu` un diritto di rilevanza.”*

5.3 Inoltre, huwa principju pacifikament ricevut f’materja ta’ danni li “biex ikun hemm lok ghar-responsabbilita` tad-danni hemm bzonn li min jitolbhom jipprova mhux biss l-att jew omissjoni kolpuza imma li dak l-att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta’ kawza u effett mad-danni sofferti.[4]”

Skond il-gurisprudenza, l-attur appellanti huwa obbligat li jipprova pozitivament il-htija tal-konvenut appellat, kemm tal-fatt li l-ispiera ma setghetx tintuza aktar biex jittella' minnha ilma tajjeb ghax-xorb, u li l-ilma li seta' fiha kien kontaminat u effettivament lanqas baqa' gej; kif ukoll d-danni subiti mill-attur bil-konsegwenza tat-tfigh ta’ l-ilma mahmug u ilma tad-drenagg fl-ispiera mill-konvenut. Biex tqum ir-responsabbilita` da parti tal-konvenut, l-attur irid necessarjament jipprova li l-ispiera kienet ghadha sservi bhala fonti ta’ ilma tajjeb ghall-konsum fil-mument li hu jallega li saret il-hsara. Fi kliem iehor, jenhtieg li jigi ppruvat li l-konvenut appellat kolpozament u negligentement ma hax il-prekawzjonijiet ta’ *bonus pater familias* mistennija minnu biex jassigura li ma jigux kawzati d-danni li jallega li graw fl-ispiera.

3 Prim Awla – deciza fil-21 ta’ Jannar 1864
4 Vol XXX.III.142

Biex wiehed jillustra dan il-principju qed issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Giovanni Tabone et v. John Ellul Sulllivan noe et**[5] li kienet titratta incendju li kien sehh fil-fond vicin ghal dak ta' l-atturi. Fiha intqal a propozitu li "*il vicino dello stabilimento del quale e` incendiato come conseguenza dell'incendio scoppiato nello stabbillimento vicino se chiede indennita` al conduttore o al proprietario di tale stabbilimento ha l'onere della prova della colpa di esso conduttore o di esso proprietario perche` egli invoca contro lui un diritto che non ha altro fondamento che la colpa di colui contro il quale il reclamo vien fatto*"[6]

5.4 Dwar il-grad ta' prova rikjest gie spjegat illi –

i) Fil-kamp civili l-gudikant ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhux fuq semplici possibiltajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. Dak li hu necessarju hu jekk l-ispjegazzjoni hix verosimili.

ii) Fejn l-assjem tal-provi hu tali li l-verzjonijiet tal-kontendenti huma tant bilancjati li kull wahda tista` tirrizulta plawsibbli u veritjiera u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissodisfa l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux ohra, ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq il-preponderanza ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu.

iii) Fil-kaz ta' kuntrast bejn zewg versjonijiet mhux kwalunkwe tip ta' kunflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista` tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha tibqa` fuq ir-regola ta' *in dubio pro reo.*

[5] Kummerc – deciza fis-7 ta' Frar 1924
[6] Vol XXV.III.768

iv) Huwa principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni[7].

6.1 Mill-provi rrizulta li l-fondi kienu originarjament fond wiehed li kien bena n-nannu ta' l-attur u li dawn konsegwentment inqasmu mill-istess sid madwar l-1930. Dun Esposito Tabone, iz-ziju ta' l-attur xehed li missieru kien haffer l-ispiera meta bena l-fond u li tul iz-zmien li ghexu fih huma kienu jixorbu mill-ilma ta' l-ispiera li kienet timtela' bl-ilma gieri. L-istess xhud kompla jghid li l-fond kellu facilitajiet sanitarji mill-bidu u d-drenagg kien imur go fossa li haffer missieru. Zied jghid li missieru qatt ma kellu bhejjem ghaliex kien fin-negozju. Meta mbaghad fl-1930 gew biex jitilqu mill-post, missieru kien bena l-hajt li kien jghaddi minn ma' l-ispiera biex jaqsam il-fondi fi tnejn. Dun Tabone, zied jispjega li missieru kien imbaghad kera l-fond bin-numru 23 lil Pietru Pawl Portelli u l-fond numru 22, ossija dak okkupat mill-konvenut odjern, lil Guzepp Refalo, hu l-konvenut, li kien juzah bhala *store* u biex jaghsar l-inbid fih. Skond dan ix-xhud anke l-inkwilini tal-fond 23 li kien hemm fi zmien il-gwerra kienu jtellghu l-ilma mill-ispiera[8].

Fis-seduta tal-14 ta' Novembru 1989, il-konvenut xehed li hu kien ilu jirrisjedi fil-fond numru 22 ghal kwazi hamsin sena u dan wara li huh Guzepp Refalo kien cedielu l-kirja. Ghalhekk huwa probabli li l-konvenut dahal fil-fond numru 22 bejn l-ahhar tas-snin 1930 u l-bidu tas-snin 1940, ferm qabel ma dahal jirrisjedi fil-fond numru 23 l-attur li ha f'idejh dan il-fond fl-1978 minghand Vitorin Farrugia. Skond il-konvenut, fl-ispiera kien imur minn kollox tant li meta kien inkwilin huh, dan kien anke jzomm it-trakkijiet u tankijiet taz-zjut, fil-mandra llum ta' l-attur, u z-zjut kienu jiskulaw fl-ispiera meta tkun ix-xita, stante li l-imnadar jinsabu f'livell izjed gholi mill-ispiera. Hu l-konvenut, izda, qatt ma ngieb biex jikkorobora dan u xehed biss iben il-konvenut, li wkoll jismu Guzepp Refalo. Jinghad izda li Dun Tabone, xehed li hu ma kienx jaf fejn kien jitfa' l-iskart

[7] Ara sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **J. Rapa noe et v. F. Rapa noe** deciza fis-26 ta' Mejju 2006
[8] Seduta 11 ta' Lulju 1985

dan Guzepp Refalo[9]. Il-konvenut jammetti li peress li l-fond mikri lilu ma kellux sistema ta' drenagg huwa kien jitfa' l-iskart uman fin-naha ta' wara tal-mandra u jghid li hu kien qal lil Dun E. Tabone, li kien ser jitfa' l-ilma tas-sink tal-kcina ghal go l-ispiera[10]. Izda l-konvenut jishaq li meta dahal jokkupa l-fond l-ilma ta' l-ispiera ma kienx tajjeb ghall-konsum u li hu kien juzah biex isaqqi l-laring li kellu[11]. Jelabora li hu kien nizzel fl-ispiera lil certu Gianni Bajada (li ma ngiebx jixhed) u dan qallu li l-ispiera ma setghetx tkun tajba ghaliex kien hemm daghbien ghal go fiha[12]. Skond il-konvenut il-imbarazz kien jinzel miz-zewg fondi u infatti fil-bokka ta' l-ispiera kien hemm speci ta' bokkatura ta' cirka pied cirkonferenza kemm fuq in-naha tieghu kif ukoll fiq in-naha l-ohra tal-hajt (ossija fil-fond ta' l-attur). In sostenn tat-tezi tieghu jghid li l-inkwilin tal-fond numru 23, meta dahal hu fil-fond numru 22, kien Pietru Pawl Portelli, li kien izomm kull kwalita` ta' bhejjem, tigieg u fniek fil-mandra ta' ma' genb l-ispiera u l-iskart ta' dawn ma kellux fejn imur hlief fl-ispiera. Jinghad izda illi dan Pietru Pawl Portelli, xhud ferm importanti, ma ngiebx jixhed, nonostante li kien gie appuntat Magistrat supplenti ghal dan l-iskop. Skond il-konvenut, anke Vitorin Farrugia, minghand min ha l-fond l-attur, kellha t-tigieg u l-hmieg ta' dawn it-tigieg kien jibqa' sejjer dritt ghall-ispiera.

6.2 Ix-xhud Vitorin Farrugia xehdet li hija ghexet fil-fond numru 23 bejn l-1962 sal-1977 u li wara ha l-fond l-attur Joseph Attard. Ikkonfermat illi l-ilma tal-bejt tal-fond numru 23 kien imur fl-ispiera u anke dak tal-bitha li kienet f'livell aktar baxx mill-mandra li kien hemm wara l-fond. Qalet li mill-mandra qatt ma far l-ilma ghall-bitha u cahdet li fil-bitha (izda mhux fil-mandra) hija qatt zammet bhejjem. Jinghad izda, li ghalkemm din ix-xhud cahdet li hija kellha tigieg fil-bitha li setghu kkontaminaw l-ilma ta' l-ispiera hija ma setghet tghid xejn fuq x'kien qed jigri fl-ispiera u fuq l-istat li kien fih l-ilma ta' l-ispiera meta hadet il-fond fl-1962. Dan ghaliex tul is-snin kollha li hija ghexet fil-fond numru 23 hija qatt ma fethet il-bokka ta' l-ispiera u

[9] fol 138 et seq
[10] fol 134
[11] fol 128
[12] fol 130

lanqas qatt tellghet ilma mill-istess[13]. Ix-xhud infatti spjegat illi meta hija u zewgha marru jirrisjedu fil-fond llum ta’ l-attur sabu l-ispiera b’zewg tankijiet fuqha u min-naha taghhom maghluqa b’zewg injamiet. Tghid li ma dahhlitx fiha ghaliex din kienet mimlija zkuk tal-bajtar. Din ix-xhud ghalhekk tindika li ghall-inqas mill-1962, u probabilment anke qabel, min-naha tal-fond numru 23 l-ispiera ma kienx qed jittella' ilma minnha. Din ix-xhud ghalhekk ma tistax tikkorobora l-allegazzjoni ta’ l-attur li tletin sena qabel ma saret il-kawza l-ilma ta’ l-ispiera kien car[14].

6.3 Finalment, hemm id-deposizzjoni tal-Health Inspector Carmelo Galea. Dan spjega li wara li kien sar rapport lid-Dipartiment tas-Sahha kien ittiehed sample mill-ispiera fis-16 ta’ settembru 1981 u kien irrizulta li dan kien *grossly polluted* bl-ammonia, kien fih eccess ta’ *hydrogen sulphide*, *Chloride* 75 u ma kienx fih detergenti – jghid li din hija indikazzjoni li l-ilma ma kienx tajjeb biex jintuza ghax-xorb. Kien imbaghad spezzjona l-fond fl-24 ta’ Dicembru 1981 u sab li filwaqt li l-ispiera kienet issigillata bit-tikhil min-naha tal-fond numru 23, din kienet qed tintuza ghal-ilma tax-xita u ilma mahmug mill-konvenut[15]. B'hekk id-Dipartiment kien wissa lis-sid li l-ispiera ma setghetx tibqa' tintuza hekk, liema twissija giet obduta. Din id-deposizzjoni tikkonferma li fl-1981 l-ispiera kienet mahmuga u ma setghetx tintuza bhala fonti ta’ ilma tajjeb ghall-konsum, izda ma tipprovax li meta dahal jokkupa l-fond numru 22 il-konvenut, li dejjem ma kellux drenagg, l-ilma ta’ l-ispiera ma kienx ikkontaminat u li kien il-konvenut li kkawza din il-hsara – prova li fil-fehma tal-Qorti ma saritx bil-patafjun provi kollha prodotti tul dawn is-snin li kienet ilha ghaddejja l-kawza quddiem l-ewwel Qorti.

6.4 F’dan ir-rigward lanqas ir-relazzjoni tal-Perit Legali appuntat mill-Qorti ma hija ta’ wisq ghajnuna. In fatti lanqas il-Perit Tekniku ma setghet tikkonferma li l-materjal li nstab fl-ispiera kien materjal provenjenti mill-fond numru 22 biss u dan ghaliex kif qalet hija stess mix-xiehda “jidher

---

13 fol 112
14 fol 25
15 Seduta tas-26 ta’ Lulju 1984

li inti ma stajtx taqta' *a clean line*". Irrizulta in fatti mill-accessi mizmuma, kemm mill-ewwel Perit Tekniku l-AIC M. Refalo fis-16 ta' Gunju 1983, kif ukoll mill-AIC Anna Maria Attard Montalto fil-25 ta' Jannar 2002, li mad-dawra ta' l-ispiera nstabu sinjali ta' hazz kemm min-naha tal-fond tal-konvenut u kemm mal-gemb li jaghmel mal-gnien ta' l-attur (kif irrizulta mir-ritratti ezebiti). Il-Perit Legali qalet li l-materjal intefa' fuq perjodu twil ta' zmien u li meta taghmel ix-xita dak kollu li kien jinsab fil-mandra, kemm ta' parti kif ukoll tal-parti l-ohra kien jispicca fl-ispiera. Huwa veru li qalet li rrizulta li l-fond okkupat mill-konvenut ma kellux kommunikazzjoni mad-drenagg u l-hmieg kemm ta' l-okkupanti, kif ukoll ta' l-annimali kien kollu qed imur go l-ispiera, izda ziedet li "lanqas stajt neskludi wkoll totalment li minn naha ta' l-attur, billi din l-ispiera kienet mikxufa, ma nizel ebda materjal."

Bi provi u konkluzjonijiet peritali ta' din ix-xorta, ghandu jkun aktar minn ovvju li l-attur ma sehhlux jipprova sufficjentement il-lanjanzi tieghu.

Ghar-ragunijiet hawn esposti ma jirrizultax illi l-attur ipprova fil-grad rikjest, kif kien obbligat jaghmel, li kien il-konvenut li kien ikkontamina l-ilma ta' l-ispiera u mhux l-inkwilini precedenti tal-fondi okkupati mill-partijiet kontendenti.

Tiddeciedi ghalhekk billi tikkonferma s-sentenza appellata a bazi pero` tar-ragunijiet kif minn din il-Qorti esposti u ghalhekk tichad l-appell ta' l-attur. Tikkundanna lill-attur appellant ihallas l-ispejjez taz-zewg istanzi hlief ghal dawk gia decizi fis-sentenza preliminari tad-29 ta' Ottubru 1982, li minnha ma kienx gie interpost appell.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------